



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

14404/23

LIMITE

CORLX 969  
CFSP/PESC 1411  
EPF AM 102  
FIN 1064  
COAFR 374  
ACP 101  
COPS 490  
POLMIL 272

## PROPOSTA

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/667 dwar miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022–2024

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument HR(2023) 223.

Mehmuż: HR(2023) 223

**HR(2023) 223**  
*Limited*

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA



**Proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni  
għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill**

**tal-12/10/2023**

**għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/667  
dwar miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ  
għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022–  
2024**

**HR(2023) 223**  
*Limited*

# HR(2023) 223

*Limited*

## EXPLANATORY MEMORANDUM

On 18 October 2023, the Political and Security Committee (PSC) approved the replacement of Swiss non-governmental organisation by French operator DCI Group as implementing actor for part of an action in support to the Multi-National Joint Task Force against Boko Haram (MNJTF) financed under the assistance measure taking the form of a general programme for support to the African Union under the European Peace Facility for the period 2022-2024, pending the relevant amendment of Council Decision (CFSP) 2022/667 establishing said assistance measure.

# HR(2023) 223

## *Limited*

Proposta għal

### DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 dwar miżura ta' assistenza li tieħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2023, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà approva rakkomandazzjoni mir-Rappreżentant Għoli għal azzjoni b'appoġġ għat-Task Force Konġunta Multinazzjonali kontra l-Boko Haram (MNJTF) li għandha tiġi ffinanzjata taħt il-miżura ta' assistenza li tieħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024.
- (2) Fis-7 ta' Marzu 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/510<sup>1</sup> li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/667, li żiedet l-organizzazzjoni mhux governattiva Żvizzera COGINTA fil-lista ta' entitajiet li jistgħu jimplementaw bis-sħiħ jew parzjalment azzjonijiet taħt il-miżura ta' assistenza li tieħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024.
- (3) Fit-18 ta' Ottubru 2023, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà approva rakkomandazzjoni mir-Rappreżentant Għoli biex l-organizzazzjoni mhux governattiva Żvizzera COGINTA tiġi sostitwita mill-operatur Franċiż Défense Conseil International (Grupp DCI) bħala attur implimentattiv għal parti mill-azzjoni b'appoġġ għall-MNJTF.
- (4) Il-lista ta' entitajiet li jistgħu jimplementaw b'mod sħiħ jew parzjali azzjonijiet taħt il-miżura ta' assistenza li tieħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024 fid-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 jenħtieġ li tinkludi lill-Grupp DCI.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Anness, it-test jinbidel b'dan li ġej:

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/510 tas-7 ta' Marzu li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/667 dwar miżura ta' assistenza li tieħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024.

# HR(2023) 223

## *Limited*

"Lista tal-ministeri, id-dipartimenti tal-gvern, u l-korpi u l-aġenziji tal-liġi pubblika l-oħra tal-Istati Membri, u korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku li jkunu ngħataw garanziji finanzjarji adegwati, li jistgħu jimplementaw kompletament jew parzjalment azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza <sup>(2)</sup>:

— Deutsche Gesellschaft für Internationale Zusammenarbeit

— Expertise France

— Défense Conseil International (DCI Group)

Lista ta' entitajiet mingħajr skop ta' qligħ li jistgħu jimplementaw kompletament jew parzjalment azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza:

— COGINTA"

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---

<sup>2</sup> Din il-lista tirrelata biss mal-miżura ta' assistenza stabbilita minn din id-Deċiżjoni, u ma tipprekludix il-possibbiltà li jiġu ddeżinjati entitajiet oħra għal miżuri ta' assistenza futuri, inkluż dawk li jieħdu l-forma ta' programm ġenerali.